31993L0064

7.10.1993 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 250/33

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 93/64/KEE

tal-5 ta' Lulju 1993

li tistabbilixxi l-miżuri ta' implimentazzjoni dwar is-superviżjoni u l-monitoraġġ tal-forniturи u l-istabbilimenti permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE dwar il-*marketing* tal-materjal tal-pjanta tal-frott għall-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott intiżi għall-produzzjoni tal-frott

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE tad-29 ta'April 1992 dwar il-promozzjoni tal-materjal tal-pjanta tal-frott għall-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott intiżi għall-produzzjoni tal-frott [1], u partikolarment l-Artikolu 6(4) tagħha,

Billi huwa xieraq li jkunu stabbiliti miżuri dwar is-superviżjoni u l-monitoraġġ ta' forniturи u l-istabbilimenti tagħhom, bl-eċċezzjoni ta' dawk li l-attivitajiet tagħhom huma limitati għat-tqegħid fis-suq tal-materjal għall-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Materjal tal-Propagazzjoni u l-Pjanti tal-Ġenera u l-Ispeċi tal-Frott,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi l-miżuri ta' l-implimentazzjoni li jikkonċernaw is-superviżjoni u l-monitoraġġ tal-forniturи u l-istabbilimenti tagħhom, apparti minn dawk li l-attivita' tagħhom hija limitata għat-tqegħid fis-suq tal-materjal għall-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott, permezz ta' l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/34/KEE, f'każi meta l-ispezzjonijiet referuti fl-Artikolu 5(2) ta' l-imsemmija Direttiva jitwettqu mill-forniturи nfushom jew minn fornitur akkreditat.

Artikolu 2

Il-korp uffiċjali responsabbli li jwettaq regolarment, mill-inqas darba f'sena fi żmien xieraq, is-superviżjoni u l-monitoraġġ tal-forniturи u l-istabbilimenti tagħhom sabiex jassigura li jkomplu jħarsu l-ħtiġiet stabbiliti fid-Direttiva 92/34/KEE, u partikolarment, rigward il-prinċipji stabbiliti fl-ewwel sar-raba' inċiżi ta' l-Artikolu 5(2) tagħha, wara li tkun ikkunsidrata n-natura partikolari ta' l-attività jew l-attivitajiet tal-fornitur.

Artikolu 3

F'dak li jirrigwardja l-identifikazzjoni tal-punti kritiċi tal-proċess tal-produzzjoni referut fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 92/34/KEE u ż-żamma tar-rekords referuti fir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 5(2) tagħha, il-korp uffiċjali responsabbli għandu jwettaq is-superviżjoni u l-monitoraġġ tal-fornitur biex jassigura li l-fornitur:

(a) ikompli jikkunsidra l-punti kritiċi li ġejjin, meta xieraq:

— il-kwalità tal-materjal għall-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott użati biex jibda l-proċess tal-produzzjoni,

— iż-żriegħ, it-tneħħija tax-xewk, iż-żriegħ fil-qsari, u l-ippjantar tal-materjal għall-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott,

— il-konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 3, 4 u 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 77/93/KEE [2],

— il-pjan u l-metodu ta' koltivazzjoni,

— il-kura ġenerali ta' l-uċuh tar-raba,

— l-operazzjonijiet tal-multiplikazzjoni,

— l-operazzjonijiet tal-ħsad,

— l-iġjene,

— it-trattamenti,

— l-ippakkjar,

— il-ħażna,

— it-trasport,

— l-amministrazzjoni;

(b) li jżomm rekord, bil-għan li jkollu informazzjoni kompleta disponibbli għall-imsemmija korpi uffiċjali responsabbli, dwar:

(i) il-pjanti jew l-oġġetti l-oħrajn:

— li nxtraw għall-ħażna jew biex jinżergħu fuq il-post,

— li jkunu fil-produzzjoni,

jew

— mibgħuta lill-oħrajn;

u

[1] ĠU L 157, ta' l-10.6.1992, p. 1.

[2] ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 20.

(ii) li kull trattament bil-kimiċi li kien applikat fuq il-pjanti, u li jżomm id-dokumenti li għandhom x'jaqsmu għal mill-anqas sena;

(ċ) li jkun disponibbli personalment jew jinnomina persuna oħra li hija teknikament bl-esperjenza fil-produzzjoni tal-pjanti u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa tal-pjanti, biex jiftiehem ma' l-imsemmija korpi uffiċjali responsabbli;

(d) li jwettaq spezzjonijiet viżwali u f'ħinijiet opportuni f'manjiera li hija aċċettata mill-imsemmija korpi uffiċjali responsabbli;

(e) li jippermetti aċċess lill-persuni li huma ntitolati li jaġixxu għall-imsemmija korpi uffiċjali responsabbli, partikolarment għall-iskopijiet ta' spezzjoni u/jew ta' teħid ta' kampjuni, u jippermetti aċċess għar-rekords u d-dokumenti li għandhom relevanti referuri fil-punt (b);

(f) li apparti minn hekk jikkoopera ma' l-imsemmija korpi uffiċjali responsabbli.

Artikolu 4

Sa fejn l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-metodi tal-monitoraġġ u tal-verifika tal-punti kritiċi referuti fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 92/34/KEE huma kkonċernati, il-korp uffiċjali responsabbli għandu jagħmel is-superviżjoni u l-monitoraġġ tal-fornitur biex jassigura, meta jkun il-każ, li dawn il-metodi jkomplu jitwettqu, b'attenzjoni partikolari tingħata lejn:

(a) id-disponibbiltà u l-użu attwali tal-metodi għall-ispezzjoni ta' kull punt kritiku msemmi fl-Artikolu 3;

(b) l-affidibilità ta' dawk il-metodi;

(ċ) kemm huma adatti għal stima tal-kontenut ta' l-arranġamenti tal-produzzjoni u tal-marketing, inklużi l-aspetti amministrattivi; u

(d) il-kompetenza ta' l-impjegati tal-fornitur biex iwettqu l-verifiki.

Artikolu 5

Sa fejn it-teħid tal-kampjuni għall-analiżi f'laboratorju akkreditat kif referut fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 92/34/KEE huwa konċernat, il-korp uffiċjali responsabbli biex iwettaq is-superviżjoni u l-monitoraġġ tal-fornitur biex jasigura, meta ikun il-każ, li:

(a) il-kampjuni jittieħdu matul varji stadi tal-proċess tal-produzzjoni u skond il-frekwenza kif ikkomunikata lill-korp uffiċjali responsabbli meta l-metodi tal-produzzjoni kienu verifikati fil-waqt ta' l-akkreditazzjoni;

(b) il-kampjuni jittieħdu f'manjiera teknikament korretta u bl-użu ta' proċess statistikalment affidabbli, wara li jkun ikkunsidrat it-tip ta' analiżi li għandu jitwettaq;

(ċ) il-persuni li jieħdu l-kampjuni huma kkwalifikati li jagħmlu hekk; u

(d) l-analiżi tal-kampjuni titwettaq fl-laboratorju li huwa akkreditat għal dak l-iskop permezz ta' l-Artikolu 6(2) ta' l-imsemmija Direttiva.

Artikolu 6

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 1994. Huma għandhom minnufih javżaw lill-Kummissjoni dwar dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati bl-imsemmija referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għall-imsemmija referenza għandha tkun adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi domestika li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 7

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulha fi Brussel, fil-5 ta' Lulju 1993.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni